DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1381

tal-25 ta' Settembru 2020

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Diċembru 2019, fl-20 ta' Jannar 2020, fit-3 ta' Frar 2020 u fis-26 ta' Marzu 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2019/2157 ([1]), (UE) 2020/102 ([2]), (UE) 2020/144 ([3]), (UE) 2020/511 ([4]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-8 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/766 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 ([5]). Fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni (UE) 2020/1153 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ([6]).

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Barbara DUDEN, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur René GÖGGE, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Danial ILKHANIPOUR, Membru ta' Assemblea Reġjonali li għandha mandat elettorali: *Hamburgische Bürgerschaft*,

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/144 tat-3 ta' Frar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 32, 4.2.2020, p. 16).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/511 tas-26 ta' Marzu 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 113, 8.4.2020, p. 18).

([5]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/766 tat-8 ta' Ġunju 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 187, 12.6.2020, p. 3).

([6]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1153 tat-30 ta' Lulju 2020 li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 12).

kif ukoll

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sa Alske Rebekka FRETER, Membru ta' Assemblea Reġjonali li għandha mandat elettorali: *Hamburgische Bürgerschaft*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH